# KUNSILL LOKALI MTARFA

---

## IL-ĦAMES LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 49 – IL-ĠIMGĦA 30 TA' NOVEMBRU 2012

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fit-7:45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Anthony Mifsud | Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Viċi Sindku |
| | Antoine Vella | Kunsillier |
| | Helen Maria Bugeja | Kunsillier |
| | Anatole ScerriDiacono | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |

Ma kienx hemm membri tal-pubbliku ħlief l-*accountant* tal-Kunsill li kien preżenti għal parti mil-laqgħa biss.

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA NRU. 47 U 48

1.1 Il-minuti tal-laqgħa nru. 47 ġew approvati unanimament mingħajr emendi u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

1.2 Minħabba li mhux kulħadd kien laħaq qara l-minuti tal-laqgħa b'urġenza (48), is-SE qrat il-minuti dak il-ħin. Il-minuti ġew approvati bla emendi u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

### 2. PUNTI MILL-MINUTI

2.1 Minħabba li l-Kunsill ġie mitlub jinforma fejn għandhom jintbagħtu l-Eco-Wardens matulix-xahar ta' Diċembru, kien hemm qbil li s-sigħat għandhom jinqasmu bejn il-viċinanza tal-iskips tal-Iskola Sekondarja u dawk ta' Triq Dar il-Kaptan.

2.2 Is-SE infurmat li kien inbeda x-xogħol ta' qlugħ ta' *planter* minn Triq il-Peprin.

2.3 Is-SE infurmat li l-kuntrattur kien kixef il-katusa ta' quddiem il-garaxxijiet fuq wara ta' Binja Ġebel Dwejra u ma jidher li kien hemm l-ebda ħsara. Għaldaqstant kien hemm qbil li għandha titbattal il-ġiebja biex jiġi determinat jekk hemmx *overflow* u jekk jinstab li fiha, għandha ssir katusa mill-*gutter* għall-ġiebja. Dan ix-xogħol għandu jsir kemm-il darba l-kuntrattur jikkonferma li l-problema għandha tissolva. Ix-xogħol kollu se jiswa €550.

2.4 Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku dwar it-talba li għamel il-Kunsill għad-dawl fil-komun tal-binjiet, is-SE infurmat li ma kienet irċeviet xejn lura mingħand il-Korporazzjoni Enemalta.

2.5 Għall-mistoqsija tas-Sindku dwar l-applikazzjoni għaż-żoni ta' *Residents Only*, is-SE infurmat li kellha l-informazzjoni kollha iżda kien imiss li ssir laqgħa mar-residenti taż-żoni konċernati. Sadanittant kien hemm qbil li Triq is-Sardinell, il-parti ta' wara l-gym tad-Depiro tiġi inkluża fl-iskema. Kien hemm qbil li jekk ir-residenti jaqblu, it-talba lil

TM kienet se tkun li s-Sibt u l-Ħadd jipparkjaw biss residenti bejn it-8am u nofsillejl filwaqt li mit-Tnejn sal-Ġimgħa jipparkjaw biss ir-residenti bejn l-4pm u nofsillejl.

2.6 Fir-rigward tal-mistoqsija tas-Sindku dwar id-dawl għall-monument, is-SE infurmat li kienet għadha qed iġġib il-kwotazzjonijiet għalkemm kienu qed ivarjaw ħafna. Kien hemm qbil li għandha tkompli tiġbor aktar kwotazzjonijiet.

2.7 Is-SE infurmat li mil-lista ta' erba' applikanti li kienu bagħtulha l-ETC fir-rigward tal-iskema ta' persuna b'diżabbilità ma kien applika ħadd. Hija kienet bagħtet lura lill-ETC sabiex possibbilment jibgħatulha lista ġdida.

2.8 Is-SE infurmat li wara l-laqgħa b'urġenza kienet tkellmet mal-kuntrattur Daniel Attard fejn dan kien ikkonferma li x-xogħol għandu jinbeda nhar l-10 ta' Diċembru għalkemm possibbilment kien se jitfa' ħaddiem wieħed minn qabel din id-data sabiex ix-xogħol jitħaffef kemm jista' jkun.

2.11 Hawnhekk kien hemm qbil li tiġi approvata l-lista tal-ħlasijiet qabel il-kommunikazzjonijiet mis-Sindku.

## 3. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

3.1 Is-SE preżentat rapport li juri d-dħulijiet li kellu l-Kunsill matul ix-xahar ta' Ottubru. Kopja tiegħu hija annessa.

3.2 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata.

3.3 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li l-kont tas-Sur Pearson għal żewġ twieqi ġodda tal-aluminju kien se jinqasam mas-Sapport wara li kienet diġà ġabet l-approvazzjoni tagħhom bil-miktub.

3.4 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li mal-paga tagħha hemm inkluż il-*performance bonus* għas-sena 2011 minħabba li ma kinitx għadha inkludietu mal-pagamenti ta' qabel.

3.5 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li kien ġie mitlub sabiex isir riklam fuq il-kalendarju tal-Mtarfa FC. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 4. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

4.1 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jagħmel riklam fuq il-kalendarju tal-iMtarfa FC għal €50.

4.2 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li l-Kunsill jinnomina persuna għan-Nazzareno Vassallo Award. Il-persuna li ntagħżlet kienet is-Sinjura Francis Muscat fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsilliera Bugeja u li ġiet issekondata mis-Sindku.

4.3 Is-Sindku informa li l-parata mill-Marsa Scouts Group kienet se tiswa €250. Il-Kunsill qabel li għandha ssir.

4.4 Minħabba li għal din is-sena kien jidher li hemm problema bl-attività tal-ferrovija, kien hemm qbil li s-Sindku għandu jikkomunika mas-Sindku tar-Rabat sabiex possibbilment issir attività konġunta.

4.5 Is-Sindku ta rendikont tal-kumplament tal-attivitajiet tal-Milied li kienu se jiġu organizzati u li diġà kienu ġew approvati matul il-laqgħa ta' qabel.

4.6 Il-Kunsilliera Bugeja wasslet it-talba ta' Dr Schembri li joqgħod fi Triq Sir Temi Zammit sabiex il-Kunsill itih il-permess ikaħħal il-*culverts* li għaddejjin mit-triq. Il-Kunsill informa li dawn il-*culverts* ġew kostruwiti sabiex jgħaddu l-mejns ta' numru ta' entitajiet u għaldaqstant ma setgħax jidħol responsabbli kemm-il darba jsir xi ħsara fuq il-linji tagħhom.

4.7 Hawnhekk il-Kunsilliera Bugeja skużat ruħha mil-laqgħa. Il-ħin kien id-9pm.

4.8 Is-Sindku informa li numru ta' parteċipanti kienu se jieħdu sehem fil-festival tal-Milied li qed jiġi organizzat mill-MAGF u li l-Kunsill kien se jipparteċipa fih.

4.9 Fuq suġġeriment tas-SE kien hemm qbil li jiġu stampati 20 kalendarju bir-ritratt tal-iMtarfa għall-prezz ta' €160. Ir-ritratti kienu se jittieħdu mis-Sur Reuben Seychell bla ebda ħlas iżda għandu jidher ismu fuq il-kalendarju bħala rikonoxximent.

4.10 Il-Kunsill approva li tiġi kostruwita bankina fuq barra tal-ATC fi Triq San Oswald minħabba l-periklu li l-vetturi jwaqqgħu l-ħajt.

4.11 Is-SE wasslet talba mingħand il-Kappillan sabiex il-Kunsill jgħin biex jiġi rranġat il-parkeġġ tal-Knisja u li huwa miftuħ għal kulħadd. Kien hemm qbil li s-SE għandha tipprova tirranġa sabiex jinġab xi materjal biex jitgħattew l-għadajjar tax-xita.

## 5. *QUARTERLY REPORT* – LULJU – SETTEMBRU 2012

5.1 L-*accountant* tal-Kunsill informa li l-Kunsill kien baqa' għaddej bi tmexxija għaqlija u fil-fatt sal-aħħar ta' Settembru kellu 'l fuq minn €39,000 f'*surplus* filwaqt li l-*financial indicator* kien jimmarka ftit aktar minn 16%.

5.2 Ir-rapport ġie approvat u ffirmat mis-Sindku u s-SE.

5.3 L-accountant informa wkoll li x-xogħol fuq il-FAR kien wasal fl-aħħar u li hekk kif jiġi installat l-aħħar verżjoni tal-Evolution fuq il-kompjuter tas-SE, dan kien se jiġi *updated* sabiex is-SE jkollha l-informazzjoni kollha meħtieġa.

## 6. PUNTI OHRA

6.1 Il-Viċi Sindku informa li l-headmistress tal-Iskola Primarja kienet staqsietu x'jista' jsir dwar il-ħażiż li jikber fuq barra tal-Iskola. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jġib il-kwotazzjonijiet sabiex tinxtara *power wash* għaliex hemm ħafna użu għaliha madwar il-lokalità kollha.

6.2 Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li għandha tiġi rranġata temporanjament ir-rampa fi Triq Ħażnet l-Ilma.

6.3 Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li l-bankina fi Triq Ħażnet l-Ilma tidjieq u tagħmel spazju għal żewġ parkeġġi oħra. Kien hemm qbil unanimu għalkemm fuq talba tas-SE, ġie deċiż li l-Kunsill għandu jassigura li jkollu servizz ta' perit qabel jinbeda x-xogħol.

6.4 Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jaħseb fuq proġett għal Triq l-Imtarfa, faċċata tal-bandli sabiex tikber il-bankina u fuq ġewwa tal-*ex-married quarters* jiġu kostruwiti numru ta' garaxxijiet. Il-Kunsill qabel mal-kunċett.

6.5 Fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsillier Vella, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jagħmel applikazzjoni għal *zebra crossing* viċin tal-ħanut taż-żebgħa/*Angelo Store*.

6.6 Fuq talba tal-Kunsillier Vella, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu japplika għal parkeġġ riservat għal persuni b'diżabbiltà fl-istess żona fi Triq l-Imtarfa.

6.7 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Vella dwar is-sleeping policeman viċin ta' Binja Ġebel Dwejra, is-SE infurmat li kienet bagħtet it-talba iżda ma kien għad kellha l-ebda risposta lura minn TM.

6.8 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Vella dwar id-dawl għal Binja Qlejgħa, is-SE infurmat li kienet għadha qed tistenna risposta lura mingħand il-Korporazzjoni Enemalta.

6.9 Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku dwar il-kaxxa safra għal Triq Sir Leslie Rundle, is-SE infurmat li kienet għadha qed tistenna risposta lura minn TM.

6.10 Kien hemm qbil li għandha ssir l-ikla għall-Kunsilliera u l-impjegati tal-Kunsill. Din se ssir fil-bidu tas-sena l-ġdida.

## 7. AĠĠORNAMENT

7.1 Il-laqgħa spiċċat fl-10 :20pm. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ġimgħa 4 ta' Jannar 2013 fis-7.30pm.

**Josette Micallef**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Anthony Mifsud**
**Sindku**